



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

14.6.2010

B7-0400/2010

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-għargħar fpajjiżi taċ-Ċentru tal-Ewropa, b'mod partikolari l-Polonja, ir-
Repubblika Ċeka, is-Slovakkja u l-Ungerija

**Jaromír Kohlíček, Jiří Maštálka, Miloslav Ransdorf, Vladimír Remek,
Willy Meyer, Helmut Scholz, João Ferreira**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

RE\820590MT.doc

PE441.982v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-għargħar f'pajjiżi taċ-Ċentru tal-Ewropa, b'mod partikolari l-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja u l-Ungerija

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-UE, u l-Artikolu 191 u 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE,
 - wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament li jstabilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (COM(2005)0108) u l-pożizzjoni tal-Parlament tat-18 ta' Mejju 2006,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-5 ta' Settembru 2002 dwar l-għargħar fl-Ewropa, tat-8 ta' Settembru 2005 dwar id-diżastri naturali (in-nirien u l-għargħar) fl-Ewropa, u r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-18 ta' Mejju 2006 dwar id-diżastri naturali (in-nirien tal-foresti, n-nixfiet u l-għargħar) – l-aspetti agrikoli, l-aspetti tal-iżvilupp reġjonali u l-aspetti ambjentali,
 - wara li kkunsidra l-white paper “L-adattament għat-tibdil fil-klima: Lejn qafas Ewropew għall-azzjoni” (COM(2009)147) u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Approċċ Komunitarju dwar il-prevenzjoni tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem (COM(2009)0082),
 - wara li kkunsidra l-Protokoll ta' Kjoto tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima tal-11 ta' Diċembru 1997 u r-ratifika tal-Protokoll ta' Kjoto mill-Komunità fl-4 ta' Marzu 2002,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-diżastru naturali kbir fir-reġjun awtonomu ta' Madejra tal-24 ta' Frar 2010,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi seħħ diżastru naturali kbir, fil-forma ta' għargħar li ġraw f'diversi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, partikolarment fil-Polonja, fir-Repubblika Ċeka, fis-Slovakkja u fl-Ungerija, kif ukoll fil-Ġermanja u fl-Awstrija, u li wasslu biex xi nies mietu u oħrajn indarbu kif ukoll għall-ħtieġa tal-evakwazzjoni ta' eluf ta' persuni;
- B. billi d-diżastru msemmi kkawża ħsarat gravi, inkluż fuq l-infrastruttura, l-impriżi u l-art agrikola, bil-qerda wkoll ta' elementi tal-wirt naturali u kulturali, u possibbilment bil-ħolqien ta' riskji għas-saħħa pubblika;
- C. billi jeħtieġ li ssir rikostruzzjoni taż-żoni meqruda jew danneġġati mid-diżastru biex jitpatta għat-telf ekonomiku u soċjali tagħhom,
1. Jesprimi s-solidarjetà qawwija tiegħu mal-abitanti tar-reġjuni milquta mid-diżastru; jieħu kont tal-effetti serji ekonomiċi possibbli u jesprimi r-rispett u l-kondoljanzi tiegħu lill-

familji tal-vittmi;

2. Jirrikonoxxi l-isforzi ma jaqtgħu xejn tal-unitajiet tat-tiftix u s-salvataġġ, sew professjonali kif ukoll volontiera, biex isalvaw il-ħajjiet u jnaqqsu l-ħsara fiż-żoni milquta kif ukoll il-bosta ċittadini individwali li tqabdu biex isalvaw l-għajxien tagħhom u l-ambjent ta' madwarhom;
3. Jemmen li dawn id-diżastri se jkollhom konsegwenzi mhux biss fil-livell nazzjonali, b'tali mod li jeħtieġu impenn favur il-kampanja fil-livell Ewropew;
4. Huwa mħasseb dwar l-għadd dejjem jikber ta' diżastri naturali li, fil-fehma tal-esperti, jista' jiġi attribwit essenzjalment għat-tibdil fil-klima u l-intensifikazzjoni ta' kundizzjonijiet klimatiċi estremi, u għal prattiki tal-agrikoltura u tal-forestrija li huma ineffiċjenti, ambjentalment ħżiena, ekonomikament mhux sostenibbli u soċjalment skaduti u diskriminatorji, għaladarba jwasslu għall-ispopolament ta' żoni naturali kbar li l-konservazzjoni tagħhom teħtieġ il-preżenza tal-bniedem;
5. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex timmobilizza l-Fond ta' Solidarjeta tal-UE bl-aktar mod flessibbli u bla dewmien u biex tagħmel disponibbli r-riżorsi meħtieġa għat-taffija tat-tbatija u għall-appoġġ tal-pjanijiet ta' riabilitazzjoni għaż-żoni milquta, ir-ristawr tal-potenzjal produttiv tagħhom;
6. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex bl-akbar ħeffa possibbli jappoġġaw lill-dawk milquta mill-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tad-diżastri;
7. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkun flessibbli rigward in-negozjati mal-awtoritajiet rilevanti jekk reviżjoni tal-programmi operazzjonali rilevanti li qed jiġu ppjanati jew implimentati ssir neċessarja fir-regġuni milquta mid-diżastri;
8. Jitlob lill-Kummissjoni biex tieħu kont tad-differenzi bejn ir-regġuni milquta, li jinkludu fost l-oħrajn muntanja u żoni oħra ma' xtut ix-xmajjar, biex tgħin lill-vittmi bl-aħjar mod possibbli;
9. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippromwovi miżuri ħalli x-xogħlijiet pubbliċi ffinanzjati mill-fondi tal-UE jinkludu ammont ta' investiment pubbliku għat-titjib, il-kura, il-manutenzjoni u t-tkattir tal-infrastrutturi ambjentali pubbliċi;
10. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-miżuri għall-ġestjoni tar-riskju tal-għargħar jiffukaw fuq il-prevenzjoni tal-ħsara permezz ta' bidliet fl-użu tal-art u billi x-xmajjar jingħataw aktar spazju fejn dan ikun possibbli; iqis li tali miżuri, li jaħdmu man-natura u mhux kontra tagħha, għandhom jiproteġu lin-nies, lill-beni immobbli u lill-ambjent, u jgħinu biex tintlaħaq ġestjoni ambjentalment sostenibbli tal-ilma u ppjanar sostenibbli tal-użu tal-art, kif ukoll l-oġettiv tal-UE għall-bijodiversità u l-istrateġija ta' adattament tal-UE rigward it-tibdil fil-klima;
11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet tal-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali responsabbli għaż-żoni milquta.